MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2012

Numru. 11/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Norbert N.Ciappara)
**vs.**
**Maria Assunta Vella**

**Illum 19 ta' Gunju 2012**

**Kaz Numru 11/2012**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Maria Assunta Vella ta' tmienja u tletin (38) sena, imwielda ir-Rabat, Ghawdex fil-25 ta' Mejju 1969, bint Carmelo u Jane nee' Mejlak, residenti gewwa Blk. E, Flat 8, Tac-Cawla, ir-Rabat, Ghawdex u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 15169(G), akkuzata talli fit-12 ta' Lulju 2007 u ghall l-ahhar sitt xhur ta' qabel din id-data:

Kellha fil-pussess taghha d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolu (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tas-17 ta' April 2009.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet riaffermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien tirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissoni bikrija tal-imputata, in-natura tar-reat migjub fil-konfront taghha, il-fedina penali taghha (li jirrizulta li hija wahda nadifa) u kif ukoll il-ko-operazzjoni taghha mal-Pulizija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, l-ewwel Skeda u Artikoli 22 (1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u kif ukoll Regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolu (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni

tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza li tinsab esebita fl-Inkjesta Numru 9/2007 u tordna li dan isir taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------